# Q O R T I Ċ I V I L I
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 31 ta' Mejju 2018**

Rikors Guramentat Nru. 14 / 17RGM

Kawza fil-lista: 21

**A B f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ghal binha minuri C E**
**vs**
**L-Avukat Leontine Calleja u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer li permezz ta' digriet datat 16 ta' Frar 2017 gew mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Ahmed E u F G;**
**u Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi nhar l-ghoxrin (20) ta' April, tas-sena elfejn u erbatax (2014) l-esponenti welldet tifel minuri, minn relazzjoni illi kellha ma' certu F G, detentur karta ta' l-identita numru 44281,(M), wiehed mill-intimati fil-kawza odjerna;

2. Illi lill-perjodu meta twieled il-minuri, C, l-esponenti, ghalkemm separata de facto gia ghal xi zmien, kienet ghadha legalment mizzewwga lill-intimat l-iehor, u cioe` Ahmed E u dan peress illi kien ghadu ma ntlahaqx ftehim bejniethom rigward separazzjoni bonarja;

3. Illi ghalhekk, u dan ai termini tal-ligi, il-minuri giet registrata fuq isem zewg l-omm u cioe` l-intimat Ahmed E, kif indikat fic-certifikat tat-twelid tal-minuri C;

4. Illi sussegwentement, l-intimat Ahmed E u l-esponenti ma baqawx f'kuntatt, u sahansitra ghadhom sallum il-gurnata qatt ma ghamlu kuntatt bejniethom;

5. Illi ghalhekk jirrizulta illi minn l-anness certifikat tat-twelid tal-minuri, fil-parti dedikata ghad-dettalji tal-missier, hemm mnizzel 'Ahmed E u mhux 'F G';

6. Illi 1-esponenti tixtieq illi l-missier naturali tal-minuri, u cioe F G, illum huwa registrat bhala missier il-minuri ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

7. Illi 1-minuri ilu sa minn meta twieled konsapevoli mill-fatt illli l-intimat, F G huwa missierha, u ghalhekk huwa fl-interess ta' l-istess tifel illi jitnehha minn fuq isem Ahmed Abdel Hamid Abd el Raouf Nafadi, li fuq ic-certifikat attwali, rl tiep;hu huwa ndikat bhala missieru, sabiex finalment ikun F G illi jitnizzel bhala missier il-minuri C Abdel El Hamid Abd el Raouf Nafadi, stante illi huwa l-missier naturali tieghu;

8. Illi fil-fatt il-minuri ghandu relazzjoni tajba hafna ma' missieru l-intimat F G, u fil-fatt l-attrici u hu jinsabu f'relazzjoni;

Ghaldaqstant, ghar-raguniiiet suesposti, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha:

1. Tiddikjara illi l-missier naturali tal-minuri C E imwieled fl-ghoxrin (20) ta' April, tas-sena elfejn u erbatax (2014), huwa l-intimat F G ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

2. Konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel id-debita korrezzjonijiet fl-att tat-twelid tal-minuri enumerat 1192889, fis-sens illi l-intimat F G jigi indikat formalment f'dan id-dokument bhala l-missier naturali tal-minuri u b'hekk il-kliem 'Ahmed E, kif erronjament indikat fuq l-istess certifikat fejn hemm isem missier il-minuri, jigu sostitwiti bil-kliem 'F G';

Bl-ispejjez kontra l-intimati minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament l-esponenti tirrileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-Arrikotu l8lB (3) tal-Kapitolu l2 tal-Ligijiet ta'

Malta. Isegwi ghalhekk illi t-terminu ghall-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddikorri;

2. Illi in linea preliminari ukoll, ghall-inqas mill-atti li gew notifikati lill-esponenti tidher li emm nieqsa l-awtorizzazzjoni mehtiega ai termini tal-Artikolu 17C tal-Kodici Civili u dan ghaliex it-terminu stabbilit mil-ligi ta' sitt xhur mit-twelid tal-minuri, f' liema perjodu l-persuna ikkoncernata tkun tista' tipprocedi b'kawza ta' denegata paternita' ai termini tal-Artikolu 77A jew Artikolu 77B tal-Kodici Civili, ghadda. Ghaldaqstant, f'dan l-istadju ghandu jigi ddikjarat jekk l-attrici gietx awtorizzata minn din l-Onorabbli Qorti sabiex tipprocedi b'din il-kawza istanti - u fin-nuqqas ta' dan, f'gieh l-ekonomija tal-gudizzju, l-attrici ghandha tirregola l-posizzjoni taghha immedjatament;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponenti tiddikjara li m'hijiex edotta mill-fatti hekk kif gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

4. Illi fil-mertu, l-esponenti teccepixxi illi sabiex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti trid tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri, ir-rikorrenti kellha relazzjoni extra-maritali ma' F G, u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici li jeskludu lil intimat Ahmed E, bhala l-missier naturali tal-imsemmi minuri, u dan ai termini tal-Artikolu 778 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi fl-istess waqt ir-rikorrenti trid ukoll teghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri, ma jaqbilx mal-att tat-twelid tieghu bin-numru ta' registrazzjoni progressiv 684 tas-sena 2016;

6. Illi bla hsara ghas-suespost f'kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti tistieden lil konvenut F G, sabiex jipprezenta d-dettalji personali tieghu, permezz ta' nota li tispecifika senjatament: (1) in-numru tal-karta tal-identita', (2) ismu u kunjomu, (3) l-eta' tieghu meta twieled il-minuri, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled il-minuri. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri;

7. Illi bla pregudizzju ghal premess, f'kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti tirrileva illi l-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi l-minuri a tenur tal-Artikolu 92 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi ghandhom ukoll jigu mnehhija l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem Ahmed E, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm mill-Att tat-Twelid tal-minuri;

9. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponenti u kwindi hija m' ghandiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati ghall-assenti li taqra kif gej:-

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-assenti. F'dan ir-rigward l-esponenti minn issa jitolbu lir-rikorrent sabiex jipprovdilhom kull indirizz inkluz dak elettroniku u/jew numru tat-telephone cellular tal-imsemmija Ahmed E sabiex ikunu jistghu jikkomunikaw mieghu.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi l-konvenut F G baqa' ma ressaqx risposta guramentata f'dawn il-proceduri izda rat in-nota minnu pprezentata fit-12 ta' Lulju 2017 li permezz taghha ddikjara li jaqbel mat-talbiet attrici, salv li ma ghandux ibati ebda spejjez in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2017 fejn a spejjez provvizorjament tal-attrici innominat lil Dr. Marisa Cassar bhala esperta gudizzjarja sabiex tikkonduci t-test tad-DNA fuq l-attrici, il-konvenut F G u fuq il-minuri C E, taht it-termini hekk indikati.

Rat illi waqt l-udjenza tal-15 ta' Frar 2018 Dr Ellul ghall-Avukat Generali tat ruhha b'notifikata bir-rikors promotur u bl-avviz tas-smigh u ghalhekk irtirat l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Marzu 2018 fejn tat lill-attrici d-drittijiet ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi skont l-Artikolu 77C tal-Kap. 16 b'effett retroattiv u b'hekk astjeniet ukoll milli tiehu konjizzjoni tar-rikors tal-attrici tal-5 ta' Marzu 2018.

Rat id-digrieti l-ohra kollha taghha;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-kawza thallet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**<u>Provi</u>**

Mar-rikors promotur giet annessa vera kopja ta' l-att tat-twelid tal-minuri C E (Dok. A).

Fl-istess rikors promotur, l-attrici ikkonferma bil-gurament illi ghalkemm il-minuri C E jinsab registrat fl-att tat-twelid tieghu bhala bin il-konvenut Ahmed E u jgib il-kunjom tieghu, l-imsemmi konvenut ma huwiex genetikament missier il-minuri ghaliex fiz-zmien meta twieldet it-tarbija hija kienet separata *de facto* minnu u kienet f'relazzjoni mal-konvenut l-iehor F G. L-attrici tispjega li peress li fiz-zmien meta twieled il-minuri, kienet ghadha legalment mizzewga lill-konvenut Ahmed E, it-tarbija giet registrata fl-att tat-twelid taghha bhala bin l-imsemmi zewgha l-konvenut Ahmed E. Qalet ukoll li ghadha sal-lum f'relazzjoni mal-konvenut F G u t-tifel ghandu relazzjoni tajba hafna ma' missieru l-imsemmi konvenut.

L-attrici xehdet quddiem il-Qorti fl-udjenza tas-6 ta' Marzu 2018, fejn fissret li r-relazzjoni mal-konvenut F G ilha ghaddeja madwar tlettax-il sena, u ghandhom tliet itfal ohra flimkien apparti l-minuri C. Izzid tghid li t-tifel dejjem jaf lill-imsemmi F G bhala missieru u jsejjahlu "daddy".

Il-konvenut F G xehed fl-udjenza tas-6 ta' Marzu 2018 u wara li sema' lill-attrici tixhed, qal li jaqbel ma' dak li xehdet l-attrici. Xehed ukoll li l-minuri C jghix mieghu u mal-attrici u huwa jmantnih, u zied jghid li l-konvenut Ahmed E ma jafx lit-tifel.

Dr. Marisa Cassar, fl-affidavit taghha a fol. 44, ikkonfermat li gabret il-kampjuni orali ta' A B, ta' C G u ta' F G sabiex jistghu jsiru t-testijiet ta' DNA (*paternity test*) u kkonfermat ulterjorment li mit-testijiet li ghamlet jirrizulta illi F G li ghandu l-Karta tal-Identita` Numru 44281M hu l-missier naturali tal-minuri C, skont kif dikjarat fir-rapport minnha iffirmat a fol. 45 *et seq*.

**<u>Il-Ligi</u>**

Is-segwenti huma l-Artikoli tal-Ligi li huma relevanti ghal din il-kawza:-

**77B**. *It-talba ġudizzjarja għad-dikjarazzjoni li persuna huwa ġenitur kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan, tista' wkoll tiġi eżerċitata mill-ġenitur li wiled permezz ta' rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-konjuġi l-ieħor, il-ġenitur naturali u l-wild imwieled fiż-żwieġ jekk kemm-il darba tali ġenitur li wiled jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-wild tali ġenitur wettaq adulterju ma' dik il-persuna li dak il-ġenitur ikun qiegħed jitlob li jiġi ddikjarat bħala l-ġenitur naturali tal-wild u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bħala l-ġenitur naturali tal-wild.*

**77Ċ**. *Fil-każijiet imsemmija fl-artikoli 77, 77A u 77B il-persuna li tgħid li hija l-ġenitur naturali tal-wild imwieled fiż-żwieġ, jew il-konjuġi li wiled skont il-każ, jistgħu jipproċedu b'kawża għal dikjarazzjoni li persuna huwa l-ġenitur jekk huma jressqu r-rikors ġuramentat tagħhom fi żmien sitt xhur mit-twelid tal-wild:*

*Iżda l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tista', wara li jsir rikors ġuramentat mill-persuna li tgħid li hija l-ġenitur naturali tal-wild imwieled fiż-żwieġ jew il-konjuġi li wiled u, jekk ikun possibbli wara li tkun semgħet lill-partijiet interessati kollha, u wara li tkun qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-wild, f'kull żmien tawtorizza lill-persuna li tgħid li hija l-ġenitur naturali tal-wild imwieled fiż-żwieġ jew il-konjuġi li wiled biex jibdew kawża għal dikjarazzjoni li persuna huwa ġenitur kif imsemmi fl-artikoli 77A u 77B:*

*Iżda wkoll, meta l-filjazzjoni ta' persuna tkun ġiet dikjarata mill-qorti, kull min b'konsegwenza ta' dik id-dikjarazzjoni jkun ser jassumi kunjom li ma jkunx il-kunjom użat minnu qabel dik iddikjarazzjoni, jew ir-rappreżentant leġittimu tiegħu, jista' jitlob lill-qorti kompetenti b'rikors kontra d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jitħalla juża dak il-kunjom l-ieħor, u jekk il-qorti tkun sodisfatta li b'dak l-użu ma jkunux ser jiġu preġudikati terzi u, fejn ir-rikors ikun sar għan-nom ta' minuri, li dak l-użu jkun fl-aħjar interess tal-minuri, hija għandha tilqa' dik it-talba u tordna lid-Direttur iniżżel annotazzjoni tad-deċiżjoni mogħtija minnha fuq l-att tat-twelid rilevanti ta' min tkun ġiet hekk dikjarata l-filjazzjoni tiegħu.*

**77D**. *F'kawżi li għalihom jagħmlu referenza l-artikoli 77, 77A,77B u 77Ċ, il-qorti tista' tistieden lill-partijiet biex jissottomettu ruħhom għal eżamijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A.*

**81.** *(1) Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*

*(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu.*

**92.** *(1) Tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ, jekk ikun ġie magħruf b'ibnu mill-missier, jieħu l-kunjom tal-missier, li miegħu jista' jżid kunjom l-omm, diversament, jieħu kunjom l-omm:*

… omissis …

*Iżda wkoll, jekk ir-rikonoxximent jintalab li jsir permezz ta talba ġudizzjarja quddiem il-Qorti kompetenti wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-proviso, it-talba opportuna sabiex wara kunjom ilmissier jiġi miżjud kunjom l-omm għandha ssir lill-Qorti f'kull ħin qabel il-pronunzjament tas-sentenza. Fin-nuqqas ta' dik it-talba t-tifel jieħu kunjom il-missier:*

… omissis …"

**L-Eccezzjonijiet tal-Konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti tosserva illi l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ["id-Direttur"] dwar in-nuqqas ta' notifika tal-Avukat Generali, giet irtirata fl-udjenza tal-15 ta' Frar 2018.

Permezz tat-tieni eccezzjoni tieghu, id-Direttur eccepixxa li peress li meta giet ipprezentata din il-kawza, kien diga` skada t-terminu ta' sitt xhur mit-twelid tat-tarbija, jehtieg l-awtorizzazzjoni tal-Qorti skont l-Artikolu 77C tal-Kodici Civili.

Il-Qorti tosserva li din l-eccezzjoni wkoll giet sorvolata bid-digriet moghti fl-udjenza tas-6 ta' Marzu 2018 fejn l-attrici nghatat l-awtorizzazzjoni skont l-imsemmi Artikolu 77C b'effett retroattiv.

Id-Direttur eccepixxa wkoll fir-raba' eccezzjoni tieghu illi sabiex tirnexxi din l-azzjoni l-attrici trid tipprova li fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri, l-attrici kellha relazzjoni extra-maritali mal-konvenut F G u di pju` tipprova wkoll xi fatt iehor, li jistghu jkunu testijiet genetici, li jeskludu lill-konvenut Ahmed E bhala l-missier naturali tal-minuri.

Permezz tal-hames eccezzjoni, l-istess Direttur eccepixxa illi fl-istess waqt l-attrici trid teghleb il-presunzjoni legali mahluqa ai termini ta' l-Artikolu 81 tal-

Kap. 16 billi adegwatament u konvincentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri C E ma jaqbilx mal-att tat-twelid tieghu.

Ikkunsidrat;

Dwar ir-raba' u l-hames eccezzjoni tal-konvenut Direttur, il-Qorti tqis li permezz tal-prova bil-mezz tat-testijiet ta' DNA konfermati bil-gurament ta' Dr. Marisa Cassar, maghdud maghha d-dikjarazzjoni guramentata tal-attrici fir-rikors promotur kif ukoll id-depozizzjoni taghha u tal-konvenut F G, dak rikjest bl-Artikolu 77C gie sodisfacjentement ippruvat, oltre li giet meghluba wkoll il-presunzjoni legali mahluqa bid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 81.

Il-Qorti hija konvinta mill-provi mressqa li huwa l-konvenut F G u mhux zewg l-attrici Ahmed E li huwa l-missier bijologiku tal-minuri C. Ghalhekk, it-talbiet attrici jisthoqqu li jigu akkolti.

Ikkunsidrat;

Illi ghalkemm fid-dawl tal-premess it-talbiet attrici sejrin jintlaqghu, il-Qorti tinnota li ma jirrizultax mill-atti t-taghrif kollu mehtieg dwar il-konnotati personali tal-konvenut F G sabiex dawn jigu eventwalment inseriti fl-Att tat-twelid tal-minuri ghall-finijiet tas-sitt eccezzjoni tad-Direttur. Tosserva illi mill-kopja tal-karta tal-identita` tal-konvenut F G[1] jonqos it-taghrif dwar ir-residenza tal-konvenut meta twieled il-minuri kif ukoll isem u kunjom missieru u jekk missieru kienx haj meta twieled il-minuri.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Il-Qorti tosserva li jonqos ukoll ghall-finijiet tas-seba' eccezzjoni tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku u ghall-finijiet tal-Artikolu 92 tal-Kodici Civili, dikjarazzjoni espressa u definittiva mill-partijiet genituri tat-tarbija dwar il-kunjom li ghandha tassumi l-istess tarbija in segwitu ghad-dikjarazzjoni dwar il-paternita` tieghu.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tqis illi fin-nuqqas ta' din id-dikjarazzjoni espressa dwar il-kunjom tal-minuri, u b'applikazzjoni tal-presunzjoni legali in materja, anke ghaliex ma saret ebda talba mill-attrici biex wara l-kunjom tal-missier jigi mizjud il-kunjom taghha, il-minuri ghandu jiehu l-kunjom tal-missier naturali, cioe` "G".

Ikkunsidrat finalment;

[1] Fol. 47

Illi dwar il-kap ta' l-ispejjez, il-Qorti ma thossx illi fic-cirkostanzi il-konvenut Ahmed E jew id-Direttur tar-Registru Pubbliku ghandhom ibatu xi parti mill-ispejjez konnessi ma' dawn il-proceduri. In vista tan-natura tat-talbiet f'din il-kawza, il-Qorti tqis illi l-ispejjez ghandhom jigu ssopportati ugwalment mill-attrici u mill-konvenut F G stante illi l-fatti li taw lok ghal din l-azzjoni huma attribwibbli biss lilhom.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja li tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenuti bil-mod kif hawn deciz, u fil-kontumacja tal-konvenut F G:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi l-missier naturali tal-minuri C E imwieled fl-20 ta' April tas-sena 2014 huwa l-konvenut F G; u

2. Tilqa' wkoll it-tieni talba u konsegwentement tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel id-debita korrezzjonijiet fl-att tat-twelid tal-imsemmi minuri bin-numru 684/2016 u jigi indikat il-konvenut F G bhala l-missier naturali tal-minuri minflok Ahmed E, u dan billi jigu kancellati l-isem, il-kunjom u l-konnotati kollha tal-konvenut Ahmed E taht il-kolonna u fir-ringiela indikati "*Taghif dwar missier it-tarbija*" u minflok, dawn jigu sostitwiti b'isem il-konvenut F G bil-konnotati kollha tieghu, u jigu kancellat wkoll il-kliem "*the said*" li jinsabu qabel isem Ahmed E fil-kolonna u ringiela "*Taghrif dwar l-Omm*".

3. Taghti lill-konvenut F G ghaxart ijiem utili millum sabiex b'nota guramentata jiddikjara d-dettalji mitluba mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fis-sitt paragrafu tar-risposta guramentata tieghu.

4. Tordna illi l-istess minuri jassumi l-kunjom "G".

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-attrici u mill-konvenut F G in solidum bejniethom.

**Imhallef** **Deputat Registratur**